97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 60/2026 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: L-Erbgħa, 29 t' April 2026

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Skużat
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Skużat
Sur Clayton Cascun Portelli	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Nigel Holland	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Skużat
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Skużat
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Preżenti
Sur Olaf McKay	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Skużat
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Skużat
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

60. 1 Ittri ta' Apoloġija

60.1.1 Il-President semma li s-Sur Marco Agius, is-Sur John Boxall, is-Sur Clive Pulis, is-Sur Olaf McKay, is-Sur Neil Attard u s-Sur Jason Silvio, talbu sabiex ikunu skużati. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Wayne Aquilina dawn tniżlu bħala skużati.

60.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.59

60.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 59 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

60.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 52

60.3.1 Fuq proposta tal-President, intalbet l-approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti Nru. 52, b'nefqa totali ta' €384,763.57 għall-perjodu bejn l-24 ta' Marzu 2026 u d-29 t' April 2026. Il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Jorge Grech u s-Sur Clayton Cascun Portelli u ġiet approvata mill-Kumitat.

60.4 Komunikazzjoni mill-President

60.4.1 Il-President informa li saret laqgħa mas-Sindku tal-Kalkara rigward il-kwistjoni tal-waste management, fil-preżenza tal-avukati, iżda l-kuntrattur ma attendiex għal-laqgħa. Ġie spjegat li l-avukati ser ikomplu jiddiskutu bejniethom sabiex tinstab triq 'il quddiem, u li ser tintbagħat ittra konġunta lill-kuntrattur.

60.4.2 Il-President semma li, minħabba ċ-ċirkustanzi marbuta mal-Elezzjoni Ġenerali li tħabbret li ser issir nhar it-30 ta' Mejju, l-attività tar-Reġjun Kulturali fil-lokalità ta' Paola kienet ser tiġi ċċaqalqa peress li ħabtet fl-istess ġimgħa tal-elezzjoni. Huwa spjega li ser jinżamm kuntatt mal-Kunsill Lokali sabiex tiġi identifikata data oħra għall-attività.

Fakkar ukoll li nhar it-2 ta' Mejju ser issir l-attività f'Bormla u li diġà ntbagħtet ċirkulari bl-istedina relatata.

Barra minn hekk, semma li l-Kunsill Lokali ta' Paola talab sabiex id-differenza ta' EUR3,000 li ser jibqa' mill-attività ta' Regional Mosaic tintuża għall-attività li ser tittella' nhar il-15 ta' Mejju fl-okkażjoni tal-400 sena tal-lokalità.

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Is-Sur Nigel Holland irringrazzja lid-Direttur Artistiku u lill-Uffiċjal Maniġerjali tal-Koperazzjoni għall-appoġġ u l-kollaborazzjoni tagħhom fl-attività "Taħt il-Loġoġ" tal-Furjana.

60.4.3 Il-President semma li, rigward il-proġett *Arts in Common*, il-Kunsill tal-Furjana kellu jidentifika post alternattiv fejn ser issir l-installazzjoni, peress li fil-post oriġinali fejn kienet ippjanata ser ikun qed jitwettaq proġett minn entità governattiva oħra.

60.4.4 Is-Sur Wayne Aquilina semma li l-artist tal-Kalkara m'għadux interessat fil-proġett u li kienu ser ifittxu artist ieħor.

Il-President semma li d-disinn ta' Ħal Tarxien tlesta u ġie approvat. Min-naħa tiegħu, is-Sindku tal-Fgura semma li għad irid jiltaqa' mal-artist.

60.4.5 Il-President semma li r-Reġjun kien qed jaħdem fuq sett ta' bolol reġjonali. Il-proposta ġiet diskussa u approvata.

60.4.6 Il-President semma li kienu għadhom qed jistennew l-storyboard għall-filmat tad-diska tar-Reġjun.

60.5 Preżentazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport Finazjarju għall-Ewwel Kwart tas-Sena 2026

60.5.1 Il-President talab lis-Segretarju sabiex tippreżenta u tispjega r-rapport.

Wara l-preżentazzjoni u diskussjoni qasira, fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Clayton Cascun, ir-rapport kien approvat unanimament.

Is-Segretarju spjegat li s-somma ta' EUR195,000 li ġew ritornati mill-Fondazzjoni Kottonera issa kienet qed tidher bħala surplus f'dan il-kwart. Għaldaqstant, appellat sabiex ikun hemm pjan maħsub sew dwar kif dawn il-fondi għandhom jiġu investiti lura fir-Reġjun u fil-Kunsilli Lokali.

Is-Sur Wayne Aquilina ssuġġerixxa li jitħejja sett ta' proposti bbażati fuq l-istudju tal-impatt soċjali sabiex dawn il-fondi jintużaw għal proġetti infrastrutturali aktar milli għal attivitajiet. Kien hemm qbil unanimu dwar din il-proposta.

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

60.7 Komunikazzjoni mill-President

60.7.1 Il-President semma li kienu rċevew ittra mingħand l-organizzaturi tal-Olimpjadi tar-Reġjuni sabiex dawn jingħataw EUR1,000 bħala kumpens għax-xogħol ta' riċerka u preparazzjoni li kienu diġà bdew.

Wara diskussjoni, il-Kumitat ma qabilx li dan il-ħlas għandu jsir, peress li r-Reġjun lanqas kellu costings ċari u spjegati tal-proġett u Purchase Order ma ħarġitx.

60.7.2 Il-President talab lil dawk preżenti sabiex jiddeċiedu dwar il-pass li jmiss fir-rigward tal-komunikazzjoni li kienet għaddejja bejn ir-Reġjun u l-Fondazzjoni Kottonera.

Bi qbil unanimu, ġie deċiż li, ladarba l-fondi daħlu kollha lura, bit-tnaqqis biss tal-*bid book* li kien ġie ppreżentat mill-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid relatat mal-isports, kull komunikazzjoni f'dan ir-rigward mal-Fondazzjoni għandha tieqaf u ma jintbagħtux aktar ittri.

60.8 Aġġornament

60.8.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fis-seba' ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ħamis, 14 ta' Mejju 2026 fil-17:00 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv